MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tat-12 ta' Frar, 2015

Talba Numru. 796/2014

**Banif Bank (Malta) plc (C-41030)**

**Vs**

**Elizabeth Aquilina (K.I. 206371 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-Socjeta' attrici ppremmettiet illi:

Il-konvenuta hi debitrici tal-kumpanija attrici fis-somma t'elf, disa' mija u disghin Ewro u sittax-il centezmu (€1,990.16c) liema somma tikkonsisti fis-segwenti:

1. Fuq Credit Card Nru. 4196796000038579 li l-konvenuta ghandha mal-kumpanija attrici (ara l-formola tal-applikazzjoni mmarkata bhala Dok 'A'), hemm dovut l-ammont t'elf, tlett mija, wiehed u tletin Ewro u tlieta u tmenin centezmu (€1,331.83c) li sal-4 ta' Dicembru, 2014 kien jinkludi mghaxijiet ta' tmien Ewro u sittax-il centezmu (€8.16c) (ara statement bankarju mmarkat Dok 'B'); u

2. Fuq il-Current Account Nru. 25496 10 001 li l-konvenuta ghandha mal-kumpanija attrici (ara l-*account opening form* immarkata Dok 'C'), hemm l-ammont dovut ta' sitt mija, tmienja u hamsin Ewro u tlieta u tletin centezmu (€658.33c) li sal-4 ta' Dicembru, 2014 kien jinkludi mghaxijiet t'erbgha u hamsin centezmu (0.54c) (ara l-istatement bankarju mmarkat bhala Dok 'D'). Dan l-ammont jikkoncerna hlasijiet ohra in relazzjoni mal-ammont dovut fuq il-Credit Card imsemmija aktar il-fuq;

Is-somma mitluba f'din il-kawza saret dovuta kollha lill-kumpanija attrici ai termini tal-Artikolu 11(f) tal-*Conditions of Use* marbuta mal-Credit Card (ara Dok 'E') u t'Artikolu5 tat-*Terms and Conditions* (ara Dok 'F') u t'Artikolu 6 tal-*Conditions of Use* (ara Dok'G') marbuta mal-Current Account;

Illi l-kumpanija attrici 'nterpellat lill-konvenuta diversi drabi biex thallasha l-ammont minnha dovut, fosthom permezz t'ittra legali datata 3 ta' Lulju, 2014 (ara Dok 'H') u ittra ufficcjali numru /2014 (ara Dok 'I') mahruga a tenur tal-Artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u prezenta fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) (din l-ahhar ittra baqghet ma gietx notifikata minkejja diversi tentattivi biex isir dan), izda baqghet inadempjenti u ghalhekk din is-somma ghadha ma thallsitx u dan kien ser jirrizulta waqt it-Trattazzjoni ta' din il-kawza;

Ghaldaqstant, il-kumpanija attrici titlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal joghgbu jiddikjara lill-konvenuta debitrici taghha fis-somma ta' elf, disa' mija u disghin Ewro u sittax-il centezmu (€1,990.16c) u li konsegwentement jikkundanna lill-istess konvenuta thallas lill-istess kumpanija attrici din is-somma.

Bl-imghaxijiet mill-4 ta' Dicembru, 2014 sad-data tal-hlas effettiv, bir-rata ta' tmienja punt tnejn hamsa fil-mija (8.25%) fis-sena kwantu dak dovut fuq il-Credit Card u bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) fis-sena kwantu dov ut fuq il-Current Account u kif ukoll kwalsiasi *charges* u *fees* dovuti lilha minhabba d-dejn tal-konvenuta; u dan kollu skont kif jinghad fil-*Conditions of Use* (imsemmijin aktar

il-fuq) u t-*Tariff of Charges* (ara Dok 'J') relattivi ghall-Credit Card u fit-*Terms and Conditions* u l-*Conditions of Use* (imsemmijin aktar il-fuq) u t-*Tariff of Charges* (ara Dok 'K') relattivi ghall-Current Account.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra legali u l-ittra ufficcjali fuq imsemmija u l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju Nru.   prezentat kontestwalment ma' din il-kawza.

Il-konvenuta qeghdha minn issa tigi ngunta in Subizzjoni. Dan kollu qed jintalab minghajr pregudizzju b'rizerva ghall-pretensjonijiet l-ohrajn kollha tal-kumpanija attrici fil-konfront tal-konvenuta.

Rat in-nota tal-konvenuta datata 3 ta' Frar, 2015 li biha qeghda tammetti t-talba hekk kif dedotta.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-Socjeta' attrici fl-ammont ta' elf, disa' mija u disghin Ewro u sittax-il centezmu (€1,990.16c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali hekk kif mitluba fl-Avviz ta' din it-talba.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------